MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 531/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Carmelo Scicluna u martu Ruth Scicluna**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sittin Lira Maltin (LM1666) rappresentanti import ta' sbatax (17)-il kambjala, kollha ta' tmienja u disghin Lira Maltin (LM98.00,0)-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju tas-sena 2001 sa Settembru tas-sena 2002 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 17 konsekuttivament u inklusivament.**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Settembru tas-sena 2002 jammontaw ghal erbgha u disghin Lira Maltin (LM94), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju tas-sena 2002 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-25 ta' Marzu tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------